MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 31 ta' Ottubru 2020**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Karl Roberts)**

**Vs**

**Salih Adam Sulayman**
**(Numru tal-Pulizija 19BB-050)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Salih Adam Sulayman** li ġie mressaq quddiemha akkużat talli fit-30 ta' Ottubru, 2020 u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaporti, jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport, li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll talli xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Kif ukoll mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokumenti, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni abbinati mar-reati in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, il-fedina penali tiegħu, kif ukoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu.

Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat għandu jiġi trattat b'piena ta' priġunerija effettiva stante li dawn ir-reati jaffettaw is-sigurtà tal-Istat.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, u l-artikolu 32 (1) (f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Salih Adam Sulayman** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sena (1) priġunerija.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur